MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 240/2002/1

**John Lentini ghan-nom in rapprezentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Anthony Mizzi sija bill-polza u sija bill-Ligi u l-istess Anthony Mizzi**

**Vs**

**Riani Khaled**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fejn l-atturi talbu l-hlas ta' elf u ghoxrin Liri Maltin u erba' u erbghin centezmu, Lm1020.44c, rapprezentanti danni kagjonati f' incident tat-traffiku kif deskritt fl-avviz;

Ra r-risposta tal-konvenut fejn qal li ma kienx responsabbli ghall-incident in kwistjoni. In oltre' l-konvenut qal li l-ammont pretiz huwa ezagerat;

Ra n-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Untours Insurance Agency Limited ghal Qatar Insurance Agency fejn gie

ddikjarat li l-incident gara tort is-sewwieq tal-karozza assigurata mad-ditta atrici;

Ra d-dokumenti u sema’ x-xhieda;

Ikkunsidra li wara l-habta l-attur qal lil Pulizija li kien gej minn naha tal-Belt, “fuq id-dritta tieghi. Il-vettura l-ohra harget minn Dock Street u ma stajtx nevitah u hbatna.”;

Il-konvenut qal li hareg minn “Dock Street” u kien fuq is-side tieghu meta l-vettura l-ohra kienet gejja bis-sahha biex jaqlah minn fuq ix-xellug dahal fih u tilef il-kontroll;

Illi Anthony Bone xehed li waqt li kien ghaddej fejn il-hanut Tikams fl-Msida l-konvenut gie mix-xellug u qasam ghad-direzzjoni tal-outer lane, meta wasal vicin il-karozza tal-konvenut dan rega’ kiser fuq ix-xellug tieghu u ghalhekk Bone ma setghax jghaddi u ghalkemm ibbrejkja saret il-habta;

Mohammed Giahedar xehed li huma kienu ghaddejjin fid-dritt u saret il-habta;

Il-konvenut qal li hareg minn side street u dahal fill-main road. Il-konvenut qal li ried jipparkja fuq ix-xellug izda l-karozza tal-attur giet minn wara u pprova jghaddi mix-xellug. Il-konvenut qal li ghamel l-indicator biex jipparkja u l-iehor dahal go fih;

Fil-kontro-ezami l-konvenut qal li meta wasal fill-main road ra l-karozza l-ohra  gejja mill-boghod. Din kienet fl-outer lane. Il-konvenut qal li kif hreg mis-side road zamm max-xellug imbaghad iddecieda li jipparkja;

Illi l-verzjoni tal-konvenut mhjiex kredibli. Kieku zamm fuq ix-xellug malli hareg mis-side road ma kienx jispicca f’ nofs it-triq  kif spicca;

Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenut kien se johrog minn side road ghal go main road, ra li l-karozza l-ohra kienet gejja, xorta hareg, malli gie fuq il-main road iddecieda li jipparkja fuq ix-xellug u l-bdil ta’ direzzjoni kkawzat l-incident;

Illi l-konvenut ried jieqaf fuq ix-xellug tieghu; hu jghid li ghamel l-indicator. Kieku l-konvenut kien fuq ix-xellug l-hsara fill-karozza tieghu ma kienetx tkun fuq il-genb fin-nofs;

Ghaldaqstant il-konvenut kien unikament responsabbli ghalll-incident in kwistjoni;

Illi gew ezebiti l-ircevuti u ma hemmx kontestazzjoni dwar l-istess;

Ghaldaqstant jichad l-eccezjonijiet tal-konvenut u ta' Untours Insurance Agency Ltd. Ghal Qatar Insurance Cimpany u jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas elf u ghoxrin Lira Maltin u erba' u hoxrin centezmu, Lm1020.44c, bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz (15 ta' Frar, 2002).

--------------------------------TMIEM--------------------------------